MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IS-SEBA' LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Laqgħa Numru 55/2018

Il-Ġimgħa 16 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Marija Saliba – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

55.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Marija Saliba kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 54/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

55.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

55.2.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina xtaq jiċċara l-minuti 54.7.24 u qal li għalkemm is-Sindku qal li Transport Malta għandha ġġorr il-piż ta' din id-deċiżjoni, xorta waħda kull ilment għandu jitressaq fil-laqgħa tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Fuq dan il-punt, il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba qal li l-ebda awtorita' m'għandha tirrombla minn fuq il-Kunsill u ma tagħtix kas id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

55.2.4 Is-Sinjura Sandra Grech talbet *follow up* tal-minuti 54.4.4 biex isiru *double yellow lines* maġenb garaxx. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li sar kuntatt mar-residenta, ħareġ il-fatt li din trid id-*double yellow lines* fuq in-naħa l-oħra tat-triq jiġifieri quddiem propjeta' ta' terzi persuni. Kien hemm qbil li jittieħed parir mill-Perit tal-Kunsill jew minn Transport Malta jekk dawn jistgħux isiru skont il-wisa' tat-triq.

55.2.5 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

## 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 Is-Sindku għamel referenza għar-rapport finanzjarju tat-tlett xhur li jkopri mill-1 ta' Jannar 2018 sal-aħħar ta' Settembru 2018 u għal darba oħra qal lill-membri biex joqogħdu attenti u ma jwegħdu xejn lil residenti li jkollhom xi talbiet għall-proġetti jew xogħlijiet oħra minħabba l-qagħda finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill.

55.3.2 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħol li sar fuq il-moll tax-Xwejni fejn il-Kunsill qed jistenna li jirċievi l-kont tax-xogħol li sar. Hu qal li l-Kunsill Lokali tal-Munxar għamel ukoll xogħol fuq il-moll tax-Xlendi u dan ġie ffinanzjat b'investiment ta' €180,000 mill-Ministeru għal Għawdex bil-kollaborazzjoni mal-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Is-Sindku għamel appell sabiex il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex jibbenefika wkoll minn għajnuna finanzjarja fir-rigward tax-xogħol li sar fuq il-moll tax-Xwejni.

55.3.3 Is-Sindku fakkar li fix-xahar ta' Diċembru jridu jsiru l-pagamenti ta' Triq Wied l-Infern u Triq Wied l-Abjad fejn il-Kunsill irid joħroġ 10% tal-ispejjeż bil-quddiem.

55.3.4 Is-Sindku għamel referenza wkoll għaċ-ċirkulari li l-Kunsill irċieva dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2019 li ser tammonta għal €548,630 u qal li hemm direzzjoni ċara mid-Dipartiment tal-Kunsilli ta' kif dawn il-flus għandhom ikunu mqassma : fiż-żamma tal-ġonna u latrini pubbliċi, fl-amministrazzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill, fit-tindif u l-manutenzjoni tat-toroq, fil-ġbir tal-iskart u fir-rimi tal-istess skart.

55.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-attivita' b'risq il-Malta Community Chest Fund ser issir il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru qabel il-quddies ta' filgħaxija u wara li tkellem mal-Arċipriet ġie deċiż li ssir fil-Knisja bis-sehem tal-Kor Regina Angelorum. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

55.3.6 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li saret talba mill-kumitat tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija sabiex fuq il-*website* tagħhom issir *link* tal-*live streaming* tal-Pjazza. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

## 55.4 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur : Lulju 2018 – Settembru 2018

55.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Settembru 2018 fejn il-Kunsill spiċċa dan il-perjodu bi żbilanċ.

55.4.2 Is-Sindku għamel xi punti dwar xi spejjeż li kien hemm sa' issa fir-rigward tal-ġbir tal-iskart kemm dak li jinġabar minn wara l-bieb ta' kuljum kif ukoll dak l-iskart goff li sa' Settembru kien diġa' nqabeż il-*budget* kif kien pjanat fil-bidu tas-sena. Is-Sindku qal ukoll li anke fl-attivitajiet kulturali, sa Settembru 2018 kien diġa' kważi ntlaħaq il-*budget* li kien hemm allokat għal sena sħiħa.

55.4.3 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur : Lulju 2018 – Settembru 2018 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti.

## 55.5 Milied 2018

55.5.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li waqt il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, il-membri preżenti qablu li kemm il-festin tal-Milied għat-tfal kif ukoll l-ikla tal-membri tal-Kumitat jixtiequ li ssir dan il-Milied. Huma qalu li din tkun l-unika okkażjoni fejn it-tfal jiltaqgħu kollha flimkien.

55.5.2 Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill dwar l-attivitajiet tal-Milied, ġie deċiż li l-festin tat-tfal isir fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali sabiex l-infieq ikun minimu, il-kompetizzjoni tal-presepji ssir bħal snin oħra u l-kalendarju jsir b'lanqas spejjeż possibli. Kien hemm qbil ukoll li l-ħarġa kulturali għar-residenti fejn issoltu jżuru xi presepji ma ssirx.

55.5.3 Is-Sindku nforma wkoll li wara laqgħat li saru dwar it-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-lokalita', l-aħjar stima kienet dik ta' Chris Gauci għal €1,400 eskluż il-VAT għal tiżjin fiż-Żebbuġ u f'Marsalforn. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

## 55.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

55.6.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina staqsa jekk il-Kunsill għandux risposta għat-talba ta' kumpens tal-inċident ta' Lewis Cini. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li l-Kunsill kien talab għall-parir tal-avukat, il-Kunsill irċieva l-parir li dan l-kumpens m'għandux jingħata minħabba li skont l-avukat jidher li l-każ seħħ minħabba traskuraġni tas-sewwieq. Il-membri ser joqogħdu għal dan il-parir.

55.6.2 Chev Carmelo Saliba ġibed l-attenzjoni tal-membri u lil kull min isegwi l-laqgħa li sa issa kien hemm 59,385 *hits* fuq il-*webcam* tal-Knisja u 87,518 *hits* fuq il-*webcam* ta' Pjazza l-Assunta. Huwa qal li dal-proġett irnexxa u kien wieħed b'rispons pożittiv.

55.6.3 Chev Carmelo Saliba qal li kien għamel suġġeriment sabiex isir ftehim mal-*hairdressers* tar-raħal u tingħata donazzjoni ta' xagħar lil Puttinu Cares. Huwa qal li dan huwa żmien sabiħ li din l-inizjattiva tiġi fis-seħħ. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan wara li jsir komunikat ma' Puttinu Cares stess.

55.6.4 Is-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Fanal dekorattiv mhux jixgħel fi Triq il-Knisja;
- Biex jitmexxa fanal u *spotlight* mal-arblu l-ġdid u jinqala' l-arblu l-qadim fi Triq ix-Xwejni ħdejn *Qbajjar Restaurant*;
- Arblu biex jinqala' u jitwaħħal wieħed ġdid fi Triq Sagħtrija;
- Biex jitranġa bank tal-injam fi Triq Sagħtrija.

## 55.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

55.7.1 Ċirkulari AKL 2018/133 – Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 12. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.2 Ċirkulari AKL 2018/134 – Messaġġ – Laqgħa Plenarja 27/10/18. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.3 Ċirkulari AKL 2018/135 – Stqarrija AKL 29102018 – Donazzjoni tad-Demm. Il-Kunsill ser jipprovdi t-trasport lil dawn il-membri.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

55.7.4 Ċirkulari AKL 2018/136 – Stedina mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għar-Riċeviment tal-Milied. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.5 Ċirkulari AKL 2018/137 – Stqarrija AKL 31102018 – Tqassim ta' Kontenituri għall-iskart organiku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.6 Ċirkulari AKL 2018/138 – Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF). Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.7 Ċirkulari AKL 2018/139 – Health and Safety Seminar 27/11/2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.8 Ċirkulari AKL 2018/140 – LESA Seminar – Traffic Management Services. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.9 Ċirkulari AKL 2018/141 – Mezzi alternattivi ta' Trasport ġewwa l-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.10 Ċirkulari AKL 2018/142 – CA Sites. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.11 Ċirkulari AKL 2018/143 – Aħbar tal-mewt tas-Sur Joe Galea, kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Gżira. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.12 Ċirkulari AKL 2018/144 – Cycling policy meeting. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.13 POC No 326/2018 – Difference in 'Literature List' and 'Technical Offer'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.14 DLG – Donations to l-Istrina Campaign 2018. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55.7.15 DLG Ċirkulari Numru 10/2018 – Allokazzjoni Finanzjarja għal 2019. Il-Kunsill innota l-kontenut u kienet ġiet diskussa waqt il-komunikazzjoni mis-Sindku aktar qabel f'din il-laqgħa.

55.7.16 SPI Ċirkulari Numru 12/2018 – Skema Finanzjarja favur il-Komunita' – Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u *Sports*. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil mill-membri biex ma ssirx l-applikazzjoni minħabba li l-Kunsill preżentament m'għandux fondi biex joħroġ il-15% ta' ko-finanzjament.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

55.7.17 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur John Camilleri Chief of Staff fl-uffiċċju tal-President ta' Malta dwar kotba għall-bejgħ bl-isem 'Encounters with Valletta, A Baroque City Through The Ages' fejn il-flus li jidħlu mill-bejgħ ta' dan il-ktieb imorru kollha għal Malta Community Chest Fund Foundation. Kull ktieb jiswa €80. Kien hemm qbil mill-membri preżenti li jinxtraw żewġ kotba.

55.7.18 Il-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta dwar talba li saret lilhom biex isiru *double yellow lines* fid-daħla tar-raħal fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja. Wara li l-Kunsill kien bagħat lil Transport Malta biex minflok *double yellow lines* isiru żewġ tabelli biex ma jsirx parkeġġ, Transport Malta bagħtet lura li huma jemmnu li d-*double yellow lines* huma aktar effettivi u li għalhekk ser jimplimentawhom. Wara diskussjoni dwar dan, il-membri reġgħu saħqu li l-ebda awtorita' m'għandha tirrombla fuq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill u qalu li għandu jkun hemm aktar infurzar tal-liġi għax bis-sinjali u mingħajrhom ħadd ma jista' jipparkja f'kantuniera.

55.7.19 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kap tal-Iskola Primarja taż-Żebbuġ dwar inizjattiva biex tissebbaħ l-entratura tas-sala tal-iskola. Huwa maħsub li ssir pittura mill-artist Cutajar Zahra li tiswa €1,100 u l-kap tal-Iskola talbet għall-għajnuna finanzjarja sabiex dan il-proġett iseħħ. Kien hemm qbil mill-membri li bħalissa l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan u ma jistax jikkommetti ruħu għal dan il-proġett.

55.7.20 Ilment 56/2018 – J. Cuschieri
Jilmenta dwar boroż taż-żibel li qed jinħarġu mhux skont l-iskeda tal-ġbir fi Triq il-Lampuka. Ir-resident li kien preżenti x'ħin kien qed jinqara dan l-ilment, qal li ser jinstalla CCTV camera mal-propjeta' tiegħu biex jekk il-Kunsill ikollu bżonn xi filmat dwar l-abbuż li qed isir, il-Kunsill ikun jista' jġib l-evidenza. Il-membri rringrazzjaw lir-resident tal-koperazzjoni tiegħu u l-Kunsill ser jagħmel dak kollu possibli biex dan l-abbuż jispiċċa.

55.7.21 Ilment 57/2018 – A. Attard
Jitlob biex issir grada tal-ħadid fejn it-taraġ li jagħti għall-latrini pubbliċi taż-Żebbuġ minħabba l-periklu li hemm u jista' jweġġa' xi ħadd. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

55.7.22 Ilment 58/2018 – Profs. H. Vella
Jitlob biex isiru ftit kopji *hardbound* tal-ktieb li ser jinħareġ fuq iż-

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ġab kwotazzjoni mingħand il-*printer* tal-ktieb li kienet tammonta għal €11 iżjed għal kull ktieb *hardbound*. Ma kienx hemm qbil mill-membri li jsiru bħalissa minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Il-minuti tal-laqgħa bin-numru KAM 42/2018 tat-Tlieta 9 t'Ottubru 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ġew approvati mill-Kunsill wara li kienu ċċirkolati minn qabel.

## 55.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 40/2018 għall-perjodu bejn is-26 t'Ottubru 2018 u il-15 ta' Novembru 2018 li tammonta għal €22,291.46 kienet approvata u ffirmata.

## 55.10 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 55.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018.

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ (GĦAWDEX)

| | |
|---|---|
| ***Iffirmati*** | ***Iffirmati*** |
| Nicky Saliba | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |